# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar 2025**

**Numru : 12**

**Rikors numru 493/2016/2 MH**

**Roger Borg u Yvonne Borg**

**v.**

**Matthew Borg u Claire Bonnici**

Din hija sentenza dwar talba konġunta tal-atturi Roger u Yvonne Borg u ta' binhom il-konvenut Matthew Borg, sabiex tisma' mill-ġdid appell maqtugħ minnha b'sentenza tas-6 ta' Frar 2024, għax jgħidu illi dik is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (**Artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12**) u li bis-sentenza ngħata aktar minn dak li kien intalab (**Art. 811 (g) tal-Kapitolu 12**).

**Daħla**.

1. B'rikors ġuramentat tal-20 ta' Ġunju, 2016 l-atturi Roger u Yvonne konjugi Borg fissru li huma l-ġenituri tal-konvenut Matthew Borg; illi l-konvenuti Matthew Borg u Claire Bonniċi kienu żżewġu u eventwalment iż-żwieġ tagħhom ġie dikjarat null; illi waqt iż-żwieġ il-konvenuti kienu ħadu self mill-HSBC Bank Malta plc f'somma liri Maltin ekwivalenti għal €107,151.18; illi l-atturi kienu ggarantew dak id-dejn u bdew iħallsuh huma bil-kundizzjoni li l-konvenuti jħallsuhom lura; illi b'kollox ħallsu lill-bank is-somma komplessiva ta' €158,590.70 u għalhekk talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tikkundanna lill-konvenuti iħallsuhom l-imsemmija somma.

2. Il-konvenuta Claire Bonnici ppreżentat risposta ġuramentata fit-22 ta' Settembru, 2016 li permezz tagħha opponiet għat-talbiet attriċi billi ressqet diversi eċċezzjonijiet: (i) li ma hix il-leġittimu kontradittur *stante* li qatt ma kien hemm ftehim bejnha u bejn l-atturi la biex iħallsu lill-Bank HSBC u lanqas sabiex hija tħallas imgħaxijiet lill-atturi; (ii) li ma hix il-leġittimu kontradittur *stante* illi kwalunkwe ftehim li l-konvenut Matthew Borg għamel mal-ġenituri tiegħu l-atturi sar qabel iż-żwieġ tal-konvenuti li seħħ fil-31 ta' Lulju, 2004 mentri s-*sanction letter* lill-konvenut inħarġet fit-3 ta' Ġunju, 2004, u li għalhekk ma jorbothiex; (iii) illi dak allegat fil-premessi tal-atturi huwa kkontestat; (iv) illi l-ftehim li sar bejn l-atturi u binhom il-konvenut sar mhux biss qabel iż-żwieġ iżda wkoll minn wara

daharha; (v) illi m'hemmx relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-konvenuta għaliex fuq il-kuntratt tas-self hija ddaħħlet bħala garanti u għalhekk ma għandha l-ebda rabta kontrattwali jew rapport ġuridiku mal-atturi; (vi) illi għandu jkun il-konvenut Matthew Borg waħdu li jitqies responsabbli għad-dejn *stante* li kien hu li ssellef mingħand l-HSBC u kien hu li kellu jħallas lura lill-bank il-flus minnu mislufa; (vii) illi qatt ma kien hemm ftehim, lanqas bejn l-atturi u l-konvenut, illi l-atturi jitħallsu imgħax ta' 8% fuq il-pagamenti minnhom magħmula lill-bank (viii) illi fi kwalunkwe każ jekk hemm imgħax dovut dan għandu jkun mid-data tas-sentenza jew fl-agħar ipotesi mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat; (ix) illi l-atturi għandhom jippruvaw illi ma rċevew l-ebda ħlasijiet mingħand il-konvenut l-ieħor; (x) illi jekk jirriżulta li hemm xi ammont dovut dan għandu jħallsu l-konvenut Matthew Borg waħdu mill-assi tiegħu u mhux mill-assi tal-komunjoni.

3. Il-konvenut Matthew Borg deher quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ewwel seduta miżmuma fis-26 ta' Ottubru, 2016 u ddikjara illi l-ammont reklamat mill-atturi huwa dovut mill-konvenuti filwaqt li ddikjara li kien qed jammetti t-talbiet attriċi.

4. B'sentenza tal-4 ta' Diċembru, 2019 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi laqgħet is-seba' u t-tmien eċċezzjoni safejn kompatibbli ma' dak hemm deċiż; ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet; laqgħet l-ewwel u t-tieni talba attriċi limitatament għas-somma ta' €108,018.59; u

kkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' €108,018.59 bl-imgħax minn dakinhar tas-sentenza filwaqt li l-ispejjeż jitħallsu $^{1}/_{5}$ mill-atturi u $^{4}/_{5}$ mill-konvenuti solidalment bejniethom.

5. Il-konvenuta Claire Bonnici appellat minn dik is-sentenza filwaqt li l-atturi ressqu appell inċidentali.

6. B'sentenza tas-6 ta' Frar, 2024, din il-Qorti ċaħdet l-appell inċidentali tal-atturi filwaqt li laqgħet l-appell tal-konvenuta Bonnici, varjat is-sentenza appellata billi ħassritha safejn ikkundannat lill-konvenuta tħallas lill-atturi; laqgħet il-ħames eċċezzjoni tagħha u konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha u kkonfermat is-sentenza appellata fil-kumplament. Bl-ispejjeż tal-Prim'Istanza jibqgħu kif deċiżi filwaqt li kkundannat lill-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-appell.

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti tal-Appell tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

> "16. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-konvenuta appellanti Claire Bonnici tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset illi d-dejn mal-bank kien dejn tal-komunjoni. Tgħid illi bil-pagamenti li għamlu l-atturi lill-bank l-ebda surroga ma seħħet a favur l-atturi kontra l-komunjoni li kellhom il-konvenuti dak iż-żmien. Tgħid l-appellanti illi ġialadarba kien qabel iż-żwieġ li l-atturi intrabtu mal-konvenut u mal-bank li permezz ta' direct debit mandate jħallsu d-dejn li kien ser jagħmel binhom, id-data rilevanti kellha tkun is-26 ta' Mejju, 2004, id-data tad-direct debit mandate li tiġi qabel iż-żwieġ, u mhux id-data tal-kuntratt tas-self li tiġi wara d-data taż-żwieġ. Issostni l-appellanti illi hi ma kenitx debitur tal-bank peress li s-self kien intalab mill-konvenut Matthew Borg waħdu u li fuq il-kuntratt fil-fatt id-dejn ingħata lilu waħdu. Tgħid l-appellanti illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidratha bħala debitur prinċipali

bħal konvenut l-ieħor. Tgħid li dak li tħallas mill-atturi sar fl-interess tal-konvenut l-ieħor waħdu u mhux ukoll fl-interess tagħha.

17. L-atturi min-naħa l-oħra jirribattu dan l-aggravju billi jgħidu illi l-appellanti kienet taf tajjeb li hija kienet ser tkun garanti għal dak is-self. Jgħidu wkoll illi huma "kellhom obbligi lejn il-bank bhala garanti, b'hekk kien fl-interess taghhom li jaraw li l-bank kien qed jigi imhallas kull xahar." Jgħidu li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-appellanti kienet responsabbli għas-self li ġie effettwat mill-bank u li allura kellha l-obbligu li tirrifondi l-flus li l-atturi ħallsu lill-bank.

**L-Aggravju illi d-Dejn mal-Bank ma kienx tal-Komunjoni tal-Akkwisti għaliex kien dejn li għamel il-konvenut waħdu u li allura l-pagamenti li l-Atturi għamlu lill-bank kienu fl-interess uniku tal-konvenut u mhux ukoll tal-konvenuta.**

**Dejn Parafernali jew Dejn tal-Komunjoni tal-Akkwisti?**

18. F'dan l-aggravju l-appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidratha li kienet debitur prinċipali tad-dejn favur il-bank flimkien mal-konvenut.

19. Mhux kontestat illi meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' self fit-12 ta' Awwissu 2004 il-konvenuti kienu miżżewġin peress li kienu żżewġu anqas minn ġimagħtejn qabel u cioé fil-31 ta' Lulju, 2004. Kollox juri illi l-ħsieb tal-konvenuti kien li l-kuntratt jiġi ffirmat qabel ma jiżżewġu tant li l-abbozz tal-kuntratt li ġie ppreżentat min-nutar lill-bank kien jindika lill-konvenuti bħala mhux miżżewġa u fil-fatt hekk ġie ffirmat bil-konvenuta indikata li hija xebba, li l-konvenuti kienu jirrisjedu f'residenzi differenti u li s-self kien qed isir lill-konvenut Matthew Borg waħdu filwaqt li l-konvenuta Claire Bonnici dehret bħala garanti solidali permezz ta' ipoteka ġenerali kif ukoll permezz ta' ipoteka speċjali fuq in-nofs indiviż tagħha minn appartament u garaxx ġewwa l-Imsida.

20. Il-kwistjoni kollha tirriduċi ruħha għall-aċċertament jekk bil-fatt li l-konvenuta appellanti kienet miżżewġa lill-konvenut fil-mument li dan tal-aħħar issellef mingħand il-bank, saritx ukoll debitriċi ta' dak id-dejn in kwantu kienet qed tagħmel tajjeb ukoll il-komunjoni tal-akkwisti tal-konvenuti.

21. L-Ewwel Qorti qieset illi ġialadarba fil-mument li ġie ffirmat il-kuntratt tas-self mal-bank il-konvenuti kienu diġa miżżewġin, "minn dak il-mument, dak id-dejn allura sar jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u nkombenti fuqha." L-Ewwel Qorti sostniet dik il-konsiderazzjoni billi kompliet tqis illi ġialadarba l-konvenuti kienu miżżewġin, u self huwa meqjus bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja, il-kunsens tagħha kien meħtieġ liema kunsens ingħata peress li l-konvenuta dehret fuq il-kuntratt ta' self lil żewġha bħala garanti.

22. Il-liġi tipprovdi li "kull obbligu li jintrabtu għalih flimkien iż-żewġ miżżewġin" huwa dejn li jmur fuq il-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1327(d) tal-Kodiċi Ċivili). Is-solidarjetá bejn koppja miżżewġa fir-rigward tad-dejn li jolqot il-komunjoni tal-akkwisti toħroġ mil-liġi. (Ian Pace v. Alexander Valenzia et. - Appell Superjuri - 10 ta' Ottubru, 2023).

23. Meta self isir minn żewġ konjuġi flimkien l-obbligazzjoni tagħhom hija waħda kongunta mwielda mill-istess kontrattazzjoni ta' self li jikkwalifika kemm bħala obbligu li ntrabtu għalih flimkien a tenur tal-artikolu 1327(d), kif ukoll bhala dejn civili taht l-artikolu 1327(f). Konsegwentement kull wieħed mill-konjugi, in kwantu komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti, huwa kondebitur solidali. L-artikolu 1330 tal-Kodici Ċivili jikkonferma s-solidarjeta' bejn il-konjugi, tant li jipprovdi għac-cirkostanzi fejn il-beni parafernali għandhom ikunu suggetti għad-djun tal-komunjoni meta l-beni tal-komunjoni ma jkunux biżżejjed biex jitħallsu d-djun li jkun piż fuqhom. (Edgar Mercieca et. v. Norman Aquilina - Prim' Awla - 14 ta' Novembru, 2017.)

(...)

25. Applikati l-prinċipji legali fuq delineati għall-kuntratt ta' self bejn il-bank u l-konvenut, tinsorġi d-domanda: dan is-self mill-bank lill-konvenut waħdu approvat mill-konvenuta dak iż-żmien martu, jikkostitwixxi obbligu li ntrabtu għalih flimkien iż-żewġ miżżewġin fit-termini tal-Artikolu 1327 (d) tal-Kodiċi Ċivili? Fil-fehma ta' din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqis li r-risposta hi fl-affermattiv.

26. Bħala regola d-dejn li jsir minn wieħed jew waħda mill-konjuġi bl-approvazzjoni espressa tal-konjuġi l-ieħor jew l-oħra huwa dejn li jgħabbi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom. Id-dejn tal-konvenut versu l-bank jikwalifika bħala dejn li jmur fuq il-komunjoni bis-saħħa tal-Artikolu 1327 sub-inċiż (d) u (f) anke għaliex dan ma kienx xi kreditu kontra l-konvenut naxxenti minn reat.

27. Fuq il-kuntratt ta' self tat-12 ta' Awwissu, 2004 ġie stipulat illi "lBank qieghed jaghti b'titolu ta' Self lill-Klijent s-somma ta' sitta u erbghin elf lira Maltin (Lm46,000)…" u "……..illi l-garanti tidhol garanti solidali mal-klijent a favur tal-Bank li jaccetta u ghal dan il-ghan qieghda tikkostitwixxi favur l-istess Bank accettanti ipoteka generali fuq hwejjigha kollha preżenti u futuri u kif ukoll ipoteka specjali fuq in-nofs indiviz talimmobbli deskritt f'paragrafi A u B aktar 'il fuq." Minn dan isegwi illi bil-kunsens tagħha għal dan id-dejn il-konvenuta appellanti irrendiet id-dejn tal-bank bħala dejn tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-konvenuti. Ma jbiddel xejn mill-konsegwenzi legali il-fatt li fuq il-kuntratt pubbliku l-konvenuta tniżżlet bħala xebba. Una volta ġie stabbilit illi l-konvenuta tat il-kunsens tagħha sabiex żewġha jieħu dak is-self, ġab il-konsegwenza li dak is-self, qua att ta' amministrazzjoni straordinarja, seħħ bil-kunsens taż-żewġ konjuġi u li allura tagħmel tajjeb il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti dak iż-żmien bejniethom. Is-solidarjetà tal-konvenuta hija msaħħa bil-firma tagħha fuq il-kuntratt ta' self bħala garanti solidali.

28. Inutili l-konvenuta appellanti tibqa' tilmenta li kollox sar minn wara daharha meta l-atti juru mod ieħor.

29. Għalhekk l-aggravju tal-konvenuta appellanti illi d-dejn li kien hemm versu l-bank ma kienx dejn li jgħabbi l-komunjoni ma hux fondat u qed jiġi respint.

30. L-Aggravju tal-appellanti illi ġialadarba kien qabel iż-żwieġ li l-konvenut ftiehem ma' missieru li jħallas il-pagamenti lill-bank kif rifless fid-direct debit mandate, allura dan għandu jitqies dejn parafernali talkonvenut huwa aggravju manifestament fieragħ mingħajr l-ebda fondament legali jew fattwali. Ibda biex jirriżulta mill-atti illi d-direct debit mandate form l-attur iffirmaha waqt iż-żwieġ tal-konvenuti u mhux qabel. Fi kwalunkwe każ, anke li kieku l-fatti kienu kif qed tallega l-konvenuta, ġie stabbilit illi d-dejn favur il-bank kien dejn tal-komunjoni u d-data li fiha l-attur iffirma d-direct debit mandate form ma fiha l-ebda rilevanza.

**L-Aggravju tal-Konvenuta illi bil-pagamenti li għamlu l-atturi lill-bank l-ebda surroga ma sehhet a favur l-atturi kontra l-komunjoni tal-akkwisti li l-konvenuti kellhom dak iż-żmien.**

31. L-Ewwel Qorti kkonsidrat illi bil-pagamenti li l-atturi għamlu lill-bank seħħet surroga tal-jeddijiet tal-kreditur favur l-atturi. Sabiex nikkonsidraw dan l-aggravju jeħtieġ naraw effettivament x'kienet il-pożizzjoni legali tal-atturi qabel effettwaw dawk il-pagamenti.

32. Sabiex isseħħ surroga kien jeħtieġ fost l-oħrajn li l-atturi jippruvaw li kienu garanti ta' dak is-self kif jallegaw fir-rikors promotur tagħhom. Skont is-sanction letter jemerġu żewġ dettalji fir-rigward tal-atturi, (i) illi mas-self mill-bank lil binhom, huma kellhom jiffirmaw skrittura ta' rahan u garanzija a favur il-bank fuq l-ishma li huma għandhom fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u (ii) illi l-garanzija tal-atturi ma kellhiex tkun għall-ammont kollu misluf iżda għall-ammont ta' Lm21,000 ekwivalenti għal circa €48,909.00.

33. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-Ewwel Qorti ma stabbilixxitx abbazi ta' liema dokument waslet għall-konklużjoni illi l-atturi kienu garanti tal-ammont misluf mill-bank. Mill-atti la tirriżulta skrittura ta' garanzija ffirmata mill-atturi u wisq anqas skrittura ta' rahan. Sanction letter waħedha ma hi xejn ħlief elenku tal-kondizzjonijiet li jkun qed jitlob il-bank sabiex jagħti l-faċilità bankarja mitluba mill-klijent. Dan ġie rikonoxxut mill-Ewwel Qorti stess waqt il-konsiderazzjonijiet tagħha referibbli għall-eċċezzjoni dwar il-leġittimazzjoni passiva tal-konvenuta appellanti. Jingħad hekk fir-rigward mill-Ewwel Qorti:

> iv. Jiġi sottolineat pero' li l-effett legali tas-sanction letter hija li l-Bank jikkonferma li laqa' l-applikazzjoni tal-klijent u b'hekk ikun qed jawtorizza s-self filwaqt li d-direct debit mandate hija l-awtorizzazzjoni biex isir il-ħlas

tar-repayments minn kont partikolari. Iżda huwa l-kuntratt bil-miktub u li permezz tiegħu il-klijenti jintrabtu mal-bank dwar is-self taħt numru ta' kundizzjoniijiet li fl-aħħar mill-aħħar jorbot għall-finijiet u effetti tal-liġi;

34. Lanqas id-direct debit mandate ma tikkostitwixxi garanzija sew għaliex garanzija ma hix kif ukoll għaliex kif dan l-istess dokument jistipula, l-attur seta' jirrevokaha f'kull żmien.

35. Kien jinkombi fuq l-atturi illi jekk qed jagħmlu l-kawża fil-kwalità tagħhom ta' pagatur qua garanti, li jġibu l-prova ta' dik il-garanzija pretiża. Aktar u aktar meta l-konvenuta laqgħet għat-talbiet attriċi b'sensiela ta' eċċezzjonijiet tirribatti illi bejnha u bejn l-atturi ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika għaliex bejniethom ma sar l-ebda ftehim li jidħlu garanti għaliha. Una volta l-atturi ma dehrux fuq il-kuntratt tas-self li sar mill-bank, kien jinkombi fuqhom l-oneru li jippruvaw sodisfaċentement illi huma kienu qed iħallsu lill-bank qua garanti.

36. Appena huwa neċessarju jingħad illi huwa dejjem l-oneru ta' min jallega li jipprova l-allegazzjoni tiegħu bi tħaddim tal-massimi actori incumbit onus probatio u ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat, prinċipji bażilari tad-dritt proċedurali inkorporati fil-liġi nostrana li tipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" (Art. 562 Kap. 12).

37. Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu. Garanzija ma tistax tkun għal iżjed minn dak li jkollu jagħti d-debitur u anqas ma tista' ssir taħt kondizzjonijiet iżjed gravużi, iżda tista' tingħata għal biċċa biss mid-dejn, u taħt kondizzjonijiet anqas gravużi. Wieħed jista' jidħol garanti mingħajr ma tkun talbet jew ukoll mingħajr ma tkun taf il-persuna li għaliha jobbliga ruħu, filwaqt wieħed jista' wkoll jidħol garanti mhux biss tad-debitur prinċipali, iżda wkoll tal-garanti tiegħu. Il-garanzija ma tistax tkun preżunta, iżda għandha tkun espressa; u ma tistax tinħareġ barra mil-limiti li fihom tkun ġiet ikkuntrattata.

38. Sabiex garanzija tkun valida din trid issir permezz jew ta' att pubbliku jew ta' skrittura privata. U jekk ma tkunx iffirmata mill-partijiet kollha għandha tkun awtentikata ai termini tal-Artikolu 634 tal-Kap. 12. (ara. Miksons Transport Company Limited et. v. Anthony Stivala et. - Appell Superjuri - 15 ta' Novembru, 2023).

39. L-Ewwel Qorti ma stabbilitx minn fejn jemani l-obbligu tal-atturi li jħallsu d-dejn dovut lill-bank. Stabbilit illi la Direct debit mandate u lanqas is-sanction letter ma jistgħu jitqiesu illi kkostitwew lill-atturi bħala garanti tas-self de quo, din il-Qorti qed tikkonkludi illi ma rriżultax mill-atti illi l-atturi kienu garanti tal-ammont minnhom imħallas lill-bank. Dan ser ikollu rilevanza meta nitrattaw Artikolu 1166 (c ) tal-Kodiċi Ċivili li l-Ewwel Qorti applikat fis-sentenza appellata.

40. L-Ewwel Qorti, ikkonkludiet illi "l-uniċi ħlasijiet li saru fil-kont tas-self f'isem il-konvenut kienu mill-kont tal-atturi bis-saħħa tad-direct debit mandate. B'hekk legalment l-atturi ġew surrogati ipso iure a tenur tal-artikolu 1166 (c) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. "1166. Is-surroga ssir ipso jure favur – (....) (ċ) ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu;" L-Ewwel Qorti qieset illi seħħet surroga ipso jure għaliex qieset li l-atturi kienu jikwalifikaw bħala persuni li kienu obbligati "ma' oħrajn jew għal oħrajn" għall-ħlas tad-dejn u li "kellhom interess iħallsu" fit-termini tal-Artikolu 1166 (c ) tal-Kodiċi Ċivili. Mod ieħor, l-Ewwel Qorti qieset illi l-atturi kellhom l-obbligu għall-ħlas tad-dejn peress li qieset li kienu garanti kif minnhom allegat fir-raba' premessa tagħhom fir-rikors promotur.

41. Kif ġia rajna aktar qabel, mhux minnu li l-atturi kienu garanti tas-self mertu tal-kawża, għalkemm anke fir-risposta tagħhom għall-appell l-atturi jerġgħu itennu illi "L-Appellati kellhom obbligi lejn il-bank bhala garanti, b'hekk kien fl-interess tagħhom li jaraw li l-bank kien qed jigi mhallas kull xahar."

42. Artikolu 1942 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi l-garanti li jkun ħallas, għandu jedd idur kontra d-debitur prinċipali, sew jekk il-garanzija tkun ingħatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun ingħatat mingħajr dan ma kien jaf. Dan il-jedd ta' regress igħodd sew għall-kapital kemm għall-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

43. Filwaqt li Artikolu 1164 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi illi min iħallas id-dejn ta' wieħed ieħor ma jidħolx fil-jeddijiet tal-kreditur, ħlief bis-saħħa ta' konvenzjoni, jew b'dispożizzjoni tal-liġi.

44. Is-surroga sseħħ b'dispożizzjoni tal-liġi, 'ipso iure', favur dak li hu kreditur huwa stess u jħallas lil kreditur ieħor li jkollu fuqu jedd ta' preferenza minħabba privileġġ jew ipoteka; favur dak illi jakkwista immobbli u jħallas il-prezz tiegħu lill-krédituri illi lejhom il-fond kien ipotekat; favur dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu; u favur ta' kull werriet bil-benefiċċju talinventarju li, bi flusu, ħallas id-djun tal-wirt. L-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma hi applikabbli għall-każ odjern.

45. Jibqa' naraw jekk hux applikabbli xi dispożizzjoni legali li titratta surroga b'effett ta' garanzija b'konvenzjoni. Min iħallas id-dejn jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur, b'konvenzjoni - (a) meta l-kreditur idaħħal floku l-persuna li mingħandha jieħu l-ħlas fil-jeddijiet tiegħu kollha kontra d-debitur, basta li din is-surroga ssir espressament u flimkien mal-ħlas, u (b) meta d-debitur jieħu b'self somma ta' flus biex iħallas dejnu, u biex idaħħal lil min jisilfu fil-jeddijiet tal-kreditur. Iżda sabiex din is-surroga tkun tiswa hu meħtieġ - (i) illi s-self u r-riċevuta jsiru b'att pubbliku.(ii) illi fl-att tas-self jiġi ddikjarat li s-somma ġiet meħuda b'self sabiex jitħallas id-dejn, u (iii) illi fir-riċevuta jiġi ddikjarat li l-ħlas sar bil-flus maħruġa għaldaqshekk mill-kreditur il-ġdid. L-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma hi applikabbli għall-każ odjern.

46. Għalhekk din il-Qorti qed tilqa' parzjalment l-aggravju tal-konvenuta appellanti billi tqis illi mal-ħlas li l-atturi għamlu lill-bank ma seħħitx surroga a favur l-atturi fil-jeddijiet tal-bank kreditur kontra tagħha kif naxxenti mill-kuntratt ta' self. Dan l-aggravju huwa akkoljiment in parte tal-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta fejn eċċepiet illi bil-fatt li fuq il-kuntratt ta' self hija kienet garanti solidali a favur il-Bank, ma nħoloqx rapport ġuridiku bejnha u bejn l-atturi meta dawn tal-aħħar ħallsu d-dejn naxxenti minn dak il-kuntratt.

47. Dan ma jfissirx però li l-atturi ma kellhomx jedd li jirkupraw il-flus li huma ħarġu. Ħlas ta' dejn ta' ħaddieħor mingħajr jedd ta' surroga fid-drittijiet tal-kreditur ma jfissirx li min iħallas m'għandux jedd li jirkuprhom mingħand id-debitur li nħeles mid-dejn permezz ta' dak il-ħlas però jeħtieġlu jipprova illi dak il-ħlas kien ta' benefiċċju għall-persuna li mingħandha jippretendi l-ħlas. Mod ieħor, irid jipprova illi jekk il-persuna mħarka ma tħallsux iseħħ arrikkiment indebitu.

48. Kif rikonoxxut mill-istess atturi, iż-żwieġ ta' bejn il-konvenuti kien ġie annullat u għalhekk illum ma hemmx il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuti.

49. Id-dejn mal-Bank sar sabiex il-konvenut, waħdu, xtara proprjetà immobiljari fil-Kroazja. Fin-nuqqas ta' prova li l-proprjetà mixtrija fil-Kroazja f'isem Matthew Borg waħdu tappartjeni wkoll lill-konvenuta, il-Qorti ser tqis illi dik il-proprjetà tappartjeni biss lill-konvenut Matthew Borg. L-atturi kienu jafu minn qabel ma bdew iħallsu d-dejn lill-Bank illi l-flus li binhom kien qed jissellef mill-Bank kienu intużaw sabiex binhom waħdu jagħmel investiment fil-Kroazja. L-attur stess xhed illi huwa kien ħallas id-dejn li kien hemm mal-Bank bil-ħsieb li jagħti ċans lill-investiment li ibnu kien għamel fil-Kroazja jagħti l-frott imbagħad jitħallas lura.

50. L-atturi naqsu milli jġibu l-prova illi l-konvenuta ibbenefikat mill-ħlas li huma għamlu lill-Bank. Jidher mill-atti illi l-konvenuta appellanti tħalliet kompletament fil-għama dwar dak kollu li l-konvenut l-ieħor kien qed jinvesti fil-Kroazja bil-parteċipazzjoni u l-għajnuna tal-ġenituri tiegħu l-atturi.

51. Ġiadaraba l-atturi ma ħallsux lill-Bank bħala garanti ta' dak id-dejn iżda għaliex riedu jgħinu lil binhom, u ġialadarba ma jirriżultax mill-atti illi l-konvenuta appellanti ibbeneifikat minn dak il-ħlas, l-azzjoni attriċi fil-konfront tagħha ma tistax tirnexxi.

52. Jekk l-atturi riedu jkunu f'pożizzjoni li jaġixxu kontra l-konvenuta bl-istess mod li seta' jaġixxi l-Bank setgħu ħadu ħsieb illi mal-ħlas jakkwistaw is-surroga fid-drittijiet tal-Bank skont il-liġi. Dan ma għamluhx u għalhekk l-azzjoni attriċi tfalli.

53. F'dan is-sens qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti."

8. L-atturi Roger u Yvonne konjuġi Borg u l-konvenut Matthew Borg (minn issa 'l quddiem imsejħa '**r-ritrattandi**') flimkien ippreżentaw rikors fit-3 ta' Mejju, 2024 li permezz tiegħu jgħidu li hemm raġunijiet tajba biżżejjed sabiex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tiġi ritrattata skont is-subartikoli (g) u (l) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili minħabba li skonthom: (i) is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża; u (ii) fis-sentenza ngħata aktar minn dak li ntalab.

9. Għaldaqstant talbu lil din il-Qorti "tilqa' t-talba tagħha (recte: tagħhom) tar-ritrattazzjoni tal-kawża citazzjoni numru 493/2016/1 MH fl-ismijiet **Roger Borg et. vs. Matthew Borg et**. deċiża fis-6 ta' Frar, 2024, billi wara li twarrab u tħassar is-sentenza "... terġa tisma' u titratta l-imsemmija kawża u bħala konsegwenza ta' hekk jogħġobha [tilqa'] t-talbiet ta' l-Atturi."

10. Il-konvenuta Claire Bonnici (minn issa 'l quddiem imsejħa '**r-ritrattata**') wieġbet għal dan ir-rikors fil-31 ta' Mejju, 2024 fejn tat ir-raġunijiet tagħha għala r-rikors tar-ritrattandi għandu jiġi miċħud.

11. Inżamm smigħ fid-29 ta' Ottubru, 2024, fejn ir-rikors tar-ritrattandi tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**.

12. Ma hu qatt barra minn loku illi fi proċeduri ta' din ix-xorta jiġi puntwalizzat illi ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju li tista' tiġi msejsa biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi, liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira restrittiva, mingħajr tiġbid jew analoġija. Dan sabiex ma jingħatax lok għal tentattivi ta' appell tat-tielet istanza, li mhux konċess fis-sistema proċedurali tagħna. Huwa ben saput li sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*. (Ara **Charles Michael Gauci vs. Alfred Vella pro et noe** – Appell Superjuri - 10 ta' Ottubru 2003; **Joseph Spiteri et vs. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et** - Appell Superjuri - 12 ta' Marzu 2019; **Michele Peresso Limited et vs. Upim s.r.l.** - Appell Superjuri - 22 ta' Ottubru, 2024).

13. F'dan l-istadju *in rescindendo* din il-Qorti ser tikkonsidra biss jekk hemmx raġunijiet siewja biex titħassar is-sentenza ta' din il-Qorti impunjata u tieqaf hemm (ara **Carmelo Mifsud v. John Pullicino et**. - Appell Superjuri - 20 ta' Ġunju, 2024).

14. Ir-ritrattandi sejsu l-ewwel raġuni għat-talba tagħhom għar-ritrattazzjoni fuq **Artikolu 811 (l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili** fuq il-pretest li s-sentenza ta' din il-Qorti kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Is-sub-inċiż (l) jaqra' kif ġej:

> "Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, [...]
>
> (l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.
>
> Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza."

15. Ir-ritrattandi jsostnu illi l-iżball jinsab f'paragrafi 49 u 50 tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Appell qieset li l-atturi naqsu milli jġibu prova li l-konvenuta bbenefikat mill-ħlas li l-atturi għamlu lill-bank. Jgħidu li dan kien żball peress li skonthom "fl-atti tal-kawża kien hemm prova li l-konvenuta għandha sehem fil-proprjeta' in Kroazja." Din il-prova r-ritrattandi qed jarawha f'rikors li r-ritrattata Claire Borg kienet intavolat lura fil-5 ta' Mejju, 2011, mhux f'din il-kawża imma f'kawża oħra quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawża tas-separazzjoni personali ta' bejn il-konvenuti odjerni, liema kawża ġġib in-numru 467/2007 fl-ismijiet **Claire Borg v. Matthew Borg**[1]. Skont ir-ritrattandi l-iżball minnhom

[1] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta' Frar, 2022 u appellata u mhux deċiża fit-28 ta' Ottubru, 2021 kif erronjament intqal mir-ritrattandi. Fuq talba tar-ritrattand Matthew Borg, il-Qorti tal-Appell ordnat is-soprasessjoni ta' dak l-appell pendenti l-proċeduri odjerni u xi proċeduri ġudizzjarji oħra pendenti bejn il-partijiet.

reklamat jirriżulta minn dak ir-rikors f'kawża oħra. Jgħidu wkoll illi l-iżball jirriżulta wkoll mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija fit-28 ta' Ottubru, 2021[2] fejn ġie ordnat illi l-ishma tal-kumpanija fil-Kroazja għandhom jiġu likwidati u kull rikavat jinqasam bejn il-partijiet f'sehem indaqs. Jgħidu li r-ritrattata stess tippretendi li għandha sehem mill-proprjetà fil-Kroazja.

**Ikkunsidrat;**

16. Sabiex ir-ritrattandi jirnexxu fit-talba tagħhom imsejsa fuq din ir-raġuni jeħtieġ juru li s-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar 2024 hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li l-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.

17. Fil-każ li għandna quddiemna jeħtieġ li jsir eżami dwar jekk is-sentenza attakkata ngħatatx fuq il-preżunzjoni tal-assenza ta' fatt li fil-verità jeżisti. F'dan ir-rigward, il-Qorti mhijiex mitluba tgħid jekk l-apprezzament tal-fatt jew l-assenza tiegħu mwettaq fis-sentenza attakkata kienx wieħed tajjeb jew le. Lanqas li tgħarbel jekk il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza attakkata, li wasslu għas-suppożizzjoni tal-eżistenza jew l-assenza ta' dak il-fatt, kinux tajba jew ħżiena (ara

[2] Din id-data ma hix korretta għaliex is-sentenza ngħatat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta' Frar 2022

**Prokuratur Legali Joseph Zammit nomine v. Michael Fenech pro et noe** - Appell Superjuri - 31 ta' Awwissu 2021).

18. Dwar x'għandu jkun l-iżball imsemmi fl-Artikolu 811(l), inżamm illi l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt fis-sens illi jkun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant. (ara **Josephine Camilleri et vs Joseph Camilleri** - Appell Superjuri - 26 ta' Marzu 2021).

19. B'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża jrid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li m'hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie kkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata. (ara **Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella noe** - Appell Superjuri - 24 ta' Settembru 2004).

20. Applikata l-liġi u l-ġurisprudenza ċitata għall-ewwel ilment tar-ritrattandi, qari tas-sentenza attakkata juri illi r-raġuni primarja għaliex l-appell tal-konvenuta ġie akkolt u t-talbiet fil-konfront tagħha miċħuda, peress li rriżulta lil din il-Qorti illi kuntrarjament għal dak minnhom premess fir-rikors ġuramentat promotur, ma kienx minnu li huma kienu qed iħallsu l-pagamenti mensili lill-bank bħala garanti ta' dak id-dejn. Konsegwentement ma avveratx ruħha s-surroga skont il-liġi pretiża mill-atturi. Dak ir-raġunament ma hux attakkat fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni li issa għandna quddiemna.

21. Ir-ritrattandi jinsistu f'paragrafu 5 tar-rikors tagħhom illi "fl-atti tal-kawża hemm prova li l-Konvenuta għandha sehem fil-proprjeta' in Kroazja". Għar-ritrattandi l-prova li l-konvenuta għandha "sehem fil-proprjeta' fil-Kroazja" tiinstab mhux fl-atti ta' din il-kawża imma fl-ordni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ottubru, 2021 fejn ordnat illi "L-ishma f'dik il-kumpanija għandhom jiġu likwidati u kull rikavat għandu jinqasam bejn il-partijiet f'sehem indaqs".

22. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi dak dikjarat mir-ritrattandi huwa proprju ammissjoni illi fl-atti tal-kawża odjerna ma hemmx prova li l-konvenuta għandha sehem fil-proprjetà fil-Kroazja. Dan għaliex jidher li l-proprjetà fl-esteru mhux biss ma nxtratx f'isem il-konvenuta imma lanqas inxtrat f'isem il-konvenut. Jidher li l-immobbli nxtara minn

kumpanija li fiha huwa azzjonist il-konvenut possibilment ma' ħaddieħor, ad esklużżjoni tal-konvenuta. Għal din il-Qorti u għall-finijiet ta' din il-kawża, dak sottomess mir-ritrattandi mhux talli ma jurix li s-sentenza attakkata kienet ibbażata fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament fl-atti ta' din il-kawża; talli huwa konferma li fl-atti ta' din il-kawża ma hemmx il-prova tal-fatt *ai termini* tal-Artikolu 811 (l) tal-Kap. 12. Provi f'kawżi oħra huma assolutament irrilevanti għall-finijiet tal-proċeduri odjerni.

23. Sabiex ikun ingħad kollox, is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ċitata mir-ritrattandi ma hix finali għaliex hija pendenti quddiem din il-Qorti diversament komposta.[3] U jekk għas-saħħa tal-argument biss, din il-Qorti kellha tieħu qies ta' dik is-sentenza, dik is-sentenza ordnat illi għalkemm id-dejn marbut mas-self jagrava l-komunjoni tal-akkwisti "dan għandu jiġi allokat lill-konvenut waħdu..."

24. Kif tajjeb poġġietha din il-Qorti fis-sentenza tagħha **Mare Blu Tuna Farm Limited vs Dr Louis Cassar Pullicino nomine** deċiża fl-4 ta' Ottubru 2010 irid, "*ikun hemm prova cara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li ghandha biss tifsira wahda u unika, cioè li tistabbilixxi certu fatt jew li teskludih, u minflok il-gudikant bi zball u proprju ghaliex ma indunax b'tali*

[3] Ir-ritrattandi talbu u ottjenew s-soprassessjoni tas-smigħ ta' dak l-appell pendenti l-eżitu finali ta' dawn il-proċeduri u oħrajn ta' bejn il-konvenuti.

*prova, fid-dikjarazzjoni tieghu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost zbaljat*."

25. L-atturi jistgħu ma jaqblux mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell u mal-interpretazzjoni li din tat dwar il-ħwejjeġ, hawn fuq imsemmija, iżda b'daqshekk dan ma joħloqx żball ta' fatt skont l-Artikolu 811(l). Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Joseph Agius et vs Ġolu Spiteri** mogħtija fil-31 ta' Mejju 2019, kawża ta' ritrattazzjoni m'għandhiex isservi sabiex issir interpretazzjoni differenti minn dik tal-Qorti li tkun iddeċidiet il-kawża, għaliex inkella din il-Qorti tkun qiegħda tqis appell minn deċiżjoni li ma tistax tiġi appellata (ara wkoll **Maria Dolores *sive* Doris Debono vs Alfred Galea et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar 2006).

26. Fis-sewwa din il-Qorti għarblet mill-ġdid l-atti kollha ta' din il-kawża u ma ssib l-ebda prova fl-atti li turi li din il-Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

**27. Issib għalhekk l-ewwel raġuni mressqa mir-ritrattandi bħala li mhix siewja u qed tiċħadha.**

28. Ngħaddu issa għat-<u>tieni raġuni</u> tar-ritrattandi msejsa fuq **Artikolu 811 (g) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fuq il-pretest

li bis-sentenza jkun ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab. Is-sub inċiż (g) jaqra kif isegwi:

> "Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, [...]
>
> (g) jekk bis-sentenza jkun ġie mogħti iżjed minn dak lin talab;"

29. In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Diċembru 2007, fl-ismijiet **Joseph Vella et vs Nazzareno Farrugia et** ingħad illi:

> "Meta titqies il-kawzali tal-*ultra petita* huwa mehtieg li wiehed jara x'ikun intalab. Il-kriterju hu li t-talba f'kawza titqies minn dak li jissemma fl-att li bih il-kawza tinbeda. Mill-formulazzjoni ta' dak l-att tal-bidu, wiehed ikun jista' jqis jekk dak moghti fis-sentenza jkunx ghal kollox 'il barra minn dak li ntalab (*extra petita*) jew ikunx aktar minn dak li ntalab (*ultra petita*). Fil-kaz tal-lum, l-atturi rikorrenti qeghdin jilmentaw minn din tal-ahhar. Ikun hemm kaz ta' eccess bhal dan fejn il-gudikant jibbaza r-raguni tad-decizjoni fuq titolu, kawzali jew fatt guridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta' azzjoni jew eccezzjoni, jigi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konkluzjonijiet taghhom. Dan il-kaz ma jghoddx fih ic-cirkostanza fejn Qorti tipprovdi rimedju li, ghalkemm ma jissemmiex bhala talba espressa, johrog *ex necessaria consequentia* minn talba ohra li tkun maghmula."

30. Rilevanti ferm is-sentenza **Melita Cable plc vs Awtorità ta' Malta Dwar il-Komunikazzjoni** mogħti mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-13 ta' Frar 2009, fejn ġie ritenut illi:

> "Jinzel minn din l-enuncjazzjoni illi jinkorri f'vizzju ta' ultra petizzjoni dak il-gudikant li jippronunzja ruhu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew ta' l-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet; ossija fuq materja estraneja ghall-oggett tal-gudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli *ex officio*. Wisq ragonevolment, dan ma jfissirx illi l-gudikant hu b'xi mod ristrett milli jindividwa n-natura ezatta tal-azzjoni jew li jqieghed ghab-bazi tal-

> pronuncjament tieghu konsiderazzjonijiet ta' dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet; u anke mill-inizzjattiva taghhom, ghax tali fakulta' taqa' fl-attribuzzjonijiet tieghu. Jinghad, di fatti, fost it-taghlim tal-**Mattirolo** illi *'non pecca di ultra petita la sentenza la quale accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima, o dei motive in fatto che emergono dagli atti delia causa*' (‘**Marchese Riccardo Cassar Desain nomine vs Giovanni Spiteri**', Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1927). Naturalment, dan salv dejjem li l-gudikant jibqa' fl-argini ta' dak lilu domandat jew eccepit.”

31. Biex wieħed jara jekk is-sentenza marritx *extra* jew *ultra petita* huwa meħtieġ li wieħed iħares lejn x’ikun intalab fl-att li bih tkun inbdiet il-kawża (ara **Joseph Vella et vs Nazzareno Farrugia et** - Appell Superjuri - 7 ta’ Diċembru, 2007; **Jude Thaddeus *sive* Teddy Rapa noe vs Francesco *sive* Frank Rapa noe** - Appell Superjuri - 14 ta’ Mejju, 2007; **MF Holdings Company Limited vs Vodafone Malta Limited -** Appell Superjuri - 25 ta’ Jannar 2023; **Henri Portelli et vs Dennis Dowling et** - Appell Superjuri - 7 ta’ Novembru 2024).

**Ikkunsidrat;**

32. Permezz tat-tieni raġuni tagħhom ir-ritrattandi jgħidu li l-Qorti tat aktar minn dak li ntalab u cjoè li marret *ultra petita.* Jgħidu li l-atturi qatt ma talbu lill-Qorti tiddikjara jekk il-proprjetà fil-Kroazja hix parti mill-komunjoni tal-akkwisti u/jew jekk il-konvenuta kinetx ser tgawdi minn din il-proprjetà. Jgħidu li t-talba kienet jekk il-konvenuta kinetx “legalment responsabbli għad-dejn li l-atturi ħallsu”. Jgħidu li r-responsabilità għall-ħlas hija ferm ‘il bogħod mid-dritt tat-tgawdija jew jekk parti bbenefikatx

mill-ħlas li sar. Jissottomettu li "Se mai bl-istess argument l-anqas il-konvenut Matthew Borg ma bbenefika mill-proprjeta' fil-Kroazja." Jisħqu illi jekk il-konvenuta kinetx ibbenefikat mis-self u l-eventwali ħlas tiegħu mill-atturi "huwa totalment irrelevanti u ma kinetx parti la mit-talbiet u lanqas mill-eċċezzjonijiet".

33. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi din it-tieni raġuni hija kuntradittorja għall-ewwel raġuni miġjuba mir-ritrattandi fuq ikkunsidrata. Dan għaliex filwaqt li permezz tal-ewwel raġuni r-ritrattandi jgħidu li l-konvenuta bbenefikat mill-flus li l-atturi ħallsu lill-bank; issa permezz tat-tieni raġuni qed jammettu illi "lanqas il-konvenut Matthew Borg ma bbenefika mill-proprjeta' fil-Kroazja".

34. Donnu r-ritrattandi mhux jgħarfu illi t-talbiet tal-atturi ġew miċħuda minn din il-Qorti għaliex irriżulta li l-atturi ma kienux garanti tad-dejn li binhom kellu mal-bank bil-konsegwenza li ma avverratx ruħha s-surroga favurihom.

35. Dwar dan l-aspett fundamentali tal-kawża, u ċjoè tan-nuqqas tal-jedd għal surroga, ir-ritrattandi ma ressqu l-ebda ilment ta' xi żball. Għalhekk dak huwa kapitolu magħluq.

36. Il-kunsiderazzjoni li għamlet il-Qorti fis-sentenza attakkata dwar jekk il-konvenuta bbenefikatx mill-ħlasijiet li l-atturi għamlu lill-bank kienet

kunsiderazzjoni li l-Qorti għamlet sabiex tqis jekk it-talbiet attriċi setgħux xorta waħda jiġu akkolti *nonostante* li l-atturi ma ppruvawx li kienu garanti tad-dejn li binhom il-konvenut kellu mal-bank. Kunsiderazzjoni li bl-ebda mod ma tista' titqies li tissarraf fl-għoti iżjed minn dak mitlub fit-termini tal-Artikolu 811 (g) tal-Kap. 12.

**37. Issib għalhekk illi anke din it-tieni raġuni mressqa mir-ritrattandi ma hix siewja u qed tiġi miċħuda.**

**Deċiżjoni**.

Il-Qorti għalhekk tiċħad it-talba tar-ritrattandi, l-atturi konjuġi Borg u l-konvenut Matthew Borg, għat-tħassir tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2024.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi ritrattandi.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss